**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 27**

**Data: 28 ta' Mejju, 2021**

**Hin: 08.37am**

**Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

27.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

27.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

27.5 Korrispondenza u Rapporti;

27.6 Festa 2021;

27.7 Gharb Day 2021;

27.8 Father’s Day 2021;

27.9 Progett Slow Streets;

27.10 Progetti u Xogholijiet;

27.11 Materji ohra;

27.12 Skeda ta’ Pagamenti;

27.13 Laqgha mas-Shadow Minister ghal Ghawdex l-Onor. Dr. Chris Said;

27.14 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**27.1 Qari tal-ittri ta’ apologiji**

27.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apologiji.

**27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

27.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

27.3.1 Is-Sindku ssugerixxa sabiex jigi organizzat *dining al fresco* gewwa c-centru tar-rahal. Dati suggeriti 25 ta’ Gunju jew 2 jew 9 ta’ Lulju. Bhall-edizzjonijiet precedenti, l-Kunsill qabel li ghandu jkun hemm xi tip ta’ entertainment inkluz li kull restaurant tal-Pjazza jkollhom l-entertainment taghhom provdut mill-Kunsill.

27.3.2 Saret referenza ghall-Isports Complex li l-Kunsill ghandu fi Triq Tumas Cassar fejn il-grawnd tal-futbol. Kien diskuss l-istat li fih qed jinzamm kif ukoll l-uzu . Gie innutat li l-kumpless huwa mahmug u kellhom imorru l-haddiema tal-Kunsill sabiex inaddfu dan il-kumpless. Is-Sindku zied jghid li fil-prezent hemm persuna tghix hemm u ghaliex kienet qeghda tinzamm hemm il-Kunsill ma kellux informazzjoni hlief li din setghet taghti kontribut meta necessarju waqt xi loghba bhala sostitut. Gie innotat li din il-persuna qeghda thalli l-post mahmug hafna inkluz il-kcina li kienet installata. Wara diskussjoni kien hemm qbil li ghandhom jittiehdu l-passi kollha necesarji sabiex dan il-post ma jithallix f’din il-kundizzjoni.

Is-Sindku zied jghid li fil-post tpoggew temporanjament magni tan-newl liema magni kienu ingabu hawn minflok intramew.

Joseph Mizzi ssugerixxa li ghandha tinstab persuna sabiex tiehu hsieb iz-zona bhal ma kien hemm qabel. Is-Sindku qal li l-persuna li kienet taghmel dan ix-xoghol kienet mislufa min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex u spiccat minn hawn fuq talba taghha stess. Meta kien maghruf li l-persuna stazzjonata kienet ser titlaq saret talba lill-Ministeru sabiex tintbghat persuna ohra.

Is-Sindku ssugerixxa li ghandu ssir *refurbishment* tal-kumpless kif ukoll pavimentar madwar il-post la darba jinstabu l-flus necessarji.

Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandhom jittiehu l-passi mehtiega biex dan il-post issirlu l-manutenzjoni mehtiega, ssir laqgha ma' l-Gharb Rangers F.C. u l-persuna li qeghda tghix fil-post issib post alternattiv.

27.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ministeru ghal Ghawdex kienu taw fondi lill-Assocjazzjoni Maltija EspressjonArti Gharb sabiex titella' Infiorata ghall-festa tal-Corpus Domini. Kien ssugerit li din issir fuq l-arlogg fil-pjazza bejn is-Sibt 5 u l-Hadd 6 ta' Mejju bil-lejl. Fuq din l-istess tema' s-Sindku qal li bhala Kunsill tista' ssir applikazzjoni sabiex issir xi haga simili ghal zmien il-festa.

Normalment il-Kunsill kien ikollu tlett disinni pero' minhabba li mhux ser issir purcissjoni gie ssugerit li din issir fuq l-arlogg tal-pjazza. Tonio Mifsud issugerixxa li ssir fuq il-platform it-tonda pero' fuq iz-zuntier. Is-Sindku qal li s-sena l-ohra kien sar dan is-suggeriment lill-parrocca pero' ghalkemm ma kienux qalu le ma xtaqux li ssir sabiex ma jingabrux nies fuq iz-zuntier. Is-Sindku qal li wiehed irid ukoll jara r-regolamenti li ser ikun fis-sehh f'dak il-perijodu. Bhala disinn il-Kunsill qabel li ghandu jithalla f'idejn is-Sur Michael Bajada u l-Infiorata tigi ppreparata mill-grupp ta' l-Infjoraturi.

**27.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

27.4.1 Giet trattata mistoqsija ta' Tonio Mifsud fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' Triq l-Gharb. Is-Sindku wiegeb li huwa ma jaqbilx ma' dak li intqal fl-mistoqisja ta' Tonio Mifsud li ma sar xejn f'dan ir-rigward. Is-Sindku spjega li ttiehdu l-passi kollha necessarji pero' minhabba hafna fatturi u burukrazija fid-Dipartimenti din ghada mhux konkluza.

Tonio Mifsud qal li kien hemm familja li kienet ser titajjar minn vettura. Is-Sindku qal li kien infurmat b'dan il-kaz u kaz ta' habta bejn zewg vetturi ukoll.

Is-Sindku kompla jispjega li dwar iz-zebra crossing li ser issir fi Triq il-Knisja il-Kunsill irrisponda u osserva t-talbiet kollha issugeriti minn Transport Malta.

Tonio Mifsud min-naha tieghu kompla jinsisti li zebra crossing mhix soluzzjoni u ghandhom isiru jew *traffic lights* jew xi haga ohra li twaqqaf lin-nies. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie spjegat li z-zebra crossings issugerriti wahda fi Triq il-Knisja

u l-ohra fi Triq Frangisk Portelli kif gew issugeriti minn Transport Malta stess ser jaghmlu differenza. Dawn it-tnejn gew murija lill-membri fuq *site plan* u gie spjegat li dawn qed jistennew l-approvazzjoni tal-perita tat-Transport Malta. Tonio Mifsud qal li dawn qed jiehdu z-zmien sabiex jigu approvati. Gie spjegat li l-Kunsill m'ghandu l-ebda pendenzi dwar il-kaz u li qieghed f'kuntatt kontinwu mall-persuna responsabbli gewwa Transport Malta fl-ufficju ta' Ghawdex.

**27.13 Laqgha mas-Shadow Minister ghal Ghawdex l-Onor. Dr. Chris Said**

Il-Kunsill qabel ma' din it-talba. Wasal ghal-laqgha s-Shadow Minister ghal Ghawdex l-Onor. Dr. Chris Said. Ghaldaqstant is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jghaddi ghall-punt numru 27.13 ta' l-agenda**.** Il-Kunsill qabel.

27.13.1 L-Onorevoli Dr. Chris Said irringrazzja lill-Kunsill li accetta t-talba li jiltaqa' mieghu ghal din il-laqgha. Huwa qal li minn zmien ghal zmien xtaq li jiltaqa' mall-Kunsilli li huma vera ghal qalbu wara hmistax-il sena ta' hidma fil-Kunsilli. L-Onor. Said qal li huwa xtaq jisma jekk hemmx xi problemi li qed jaffaccja l-Kunsill sabiex jekk fil-kompetenza tieghu bhala rapprezentat fil-parlament ikun jista' jiddiskuti u jaghti l-ghajnuna mehtiega. Huwa qal li lest li jghin u jaghmel pressjoni fejn necessarju sabiex jissolvew xi problemi. Il-Vici Sindku semma l-problema li kienet ghadha qeghda tigi diskussa fir-rigward tal-*junction* ta' Triq l-Gharb. L-Onor. Said semma l-possibilita' ta' *one way* pero' gie innotat li din tista' tikkreja daqsxejn ta' *havoc*. Giet imsemmija ukoll il-problema ta' Triq il-Vizitazzjoni fejn hemm parti ta' triq li trid tinfetah pero' ghadha pendenti filwaqt li hemm parti ohra li qeghda f'nofs it-triq u taqla' konfuzjoni. Kaz iehor li gie imsemmi huwa ta' Triq Birbuba fejn intalbet ukoll l-opinjoni tan-nies. Fuq nota ohra ssemmew ukoll l-iskemi li kienu qed jinhargu mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali pero' sfortuntament dawn kienu qed jiehdu fit-tul biex jigu decizi. Gie innotat ukoll li hemm problema fir-rigward tax-xogholijiet tat-toroq fejn il-Kunsill ghandu l-fondi pero' ma jistax ikompli bix-xogholijiet minhabba li kull ma hawn huma zewg kuntratturi gewwa Ghawdex u fil-prezent qeghdin iwettqu xoghol tal-Gvern Centrali. Din hija problema mhux biss tal-Kunsill imma tal-Kunsilli l-ohra ukoll.

Is-Sindku qal li l-attivitajiet kienu waqfu minhabba l-pandemija u bhala progetti l-Kunsill ghandu tal-Meeting Hub li inghata fondi ghalih mill-Gozo Action Group u li fil-prezent kien hemm l-offerta' fis-suq. Progett iehor simili huwa l-Astronomy Park pero' dan kien qed jistenna l-permessi tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar minhabba li l-Lands ma riedux jaghtu l-*go ahead* lill-Kunsill u din hija wahda mill-problemi li qed jiltaqa' maghha l-Kunsill minhabba nuqqas ta' kollaborazzjoni min-naha tal-Lands Authority. Gie spjegat ukoll li fil-prezent il-Kunsill ghandu appell minhabba li ma riditx tinghata art ghal tkabbir tal-grawnd li kien ser iwassal ghal *sports tourism*. Progett iehor huwa dak tal-mithna li l-Kunsill huwa fil-mira li tigi restawrata.

Is-Sindku qal li minhabba l-pandemija hafna mill-progetti kellhom jieqfu u dan

ikkreja problemi anke lil Ngos li sfortuntament ma kienux ser jirritornaw lura ghan-normal. L-Onor. Said qal li z-zghazagh gew affettwati u bdew jaghmlu affarijiet ohra u mhux facli li jirritornaw lura ghan-normal.

L-Onor. Dr. Said irringrazzja lill-Kunsill tax-xoghol li jwettaq b'risq ir-residenti u l-lokalita' u qal li din l-ghajnuna tikkontribwixxi ghal gid tal-lokalita'.

27.4.2 Il-Kunsill irritorna ghal-laqgha fejn tkompliet id-diskussjoni tas-sitwazzjoni ta' Triq l-Gharb. Miriam Borg issugeriet sabiex issir roundabout sollevata li tista' tkun ta' ghajnuna ghal aktar kontrol. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u jekk ikun il-kaz isir *island* minflok.

## 27.5 Korrispondenza u Rapporti

27.5.1 Giet trattata korrispondenza fir-rigward tal-bozza gdida ta' Triq Trux fejn l-Enemalta kienet qalet li hija ma ssibx oggezzjoni sakemm is-sid ma jsibx oggezzjoni. Min-naha tieghu s-sid kien irrisponda li huwa ma jaqbilx. Giet diskussa din il-materja u l-Kunsill qabel li l-korrispondenza ghandha tintbghat lill-Enemalta ghad-decizjoni taghhom.

27.5.2 Giet trattata korrispondenza minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fir-rigward tal-problema ta' Sqaq l-Arcipriet fejn is-Sid tal-post kien ipprezenta dokumenti / pjanti godda. Gie innotat li peress li l-Kunsill kien oggezjona kien gie notifikat u kien intalab il-parir ta' Dr. Claire Bonello li kellha esperjenzi f'kazijiet simili. S'issa jidher li skond ir-rapport tal-case officer il-kaz huwa ghal refusal. Is-Sindku spjega li hemm aggevolazzjoniet li dan jista' jigi approvat quddiem il-board u ghal dan il-ghan kien intalab l-involviment ta' Dr. Claire Bonello flimkien mall-Perit Edward Scerri u Dr. Georgine Grech sabiex tirraprezenta l-Kunsill quddiem il-Bord. Il-Kunsill qabel ma' dak li kien qed isir.

27.5.3 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar:
PA/02529/21, PA/02563/21, PA/02476/21, PA/02479/21, PA/02893/21< RG/00350/21, PA/01703/21, PA/03047/21, PA/03063/21, RG/00404/21, PA/03276/21, PA/03239/21, PA/03252/21, PA/01001/20, PA/02181/21 u RG/00356/21.

Fir-rigward ta' PA/01703/21, il-Kunsill qabel li ghandha tintalab sabiex issir garbage room u li d-disinn tal-faccata jinzamm skond iz-zona tipika ta' l-Gharb bhal ma huma galleriji u tipografija tal-post. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u li ghandu jigi propost lill-Awtorita ta' l-Ippjanar.

27.5.4 Gie diskuss it-Traffic Management ta' Triq Birbuba u Triq San Katald wara li saru konsultazzjonijiet mar-residenti kkoncernati. Fir-rigward ta' Triq Birbuba intalbet il-konsultazzjoni fir-rigward ta' Road humps godda, traffic lights detector, yellow lines fil-parti d-dejqa u tabelli ta' no horn. Minn dak li rcevejna jidher li r-

residenti jaqblu ma' l-implimentazzjoni tat-traffic management propost. Fl-istess waqt is-Sindku spjega li l-kwotazzjoni tad-dawl kienet tiswa madwar €10,000. Fir-rigward ta' Triq San Katald jidher ukoll li r-residenti qablu ma' dak propost.

27.5.5 Giet trattata talba ghal *disabled parking* quddiem ir-residenza 139, Pjazzetta l-Isqof Nikol G. Cauchi. Is-Sindku qal li din is-survey ser timtela' flimkien mall-Kunsilliera waqt il-laqgha. Tonio Mifsud qal li huwa favur li l-persuna li qeghda tintalab ghal dan il-parkegg ghandha tinghata. L-Applikazzjoni giet diskussa waqt il-laqgha u s-survey gie mimli bil-kummenti u approvazzjoni ta' kulhadd. Joseph Mizzi qal li fl-istess zona hemm persuna ohra li ghandha *disability badge* u ghaldaqstant din tkun tista' tuza' dan il-parkegg. Tkompliet id-diskussjoni fejn saret referenza ghat-talba li kienet saret qabel u il-Kunsill kien ga bghat il-kummenti tieghu u l-applikazzjoni kienet giet rifjutata minn Transport Malta. Kien hemm qbil li l-parkegg li hemm fil-bidu ta' Triq Dun Alwig Mizzi jibqa' u isir iehor wara l-Knisja. Il-Kunsill innota li l-post fejn qed jigi applikat il-parkegg ikollu jitharrek ukoll meta jkun hemm xi okkazjoni fil-Pjazzetta. Apparti dan ir-residenti li qed jitlob ghalih ghandu garaxx mad-dar. Tonio Mifsud qal li huwa jenfasizza li l-karozzi tal-GOTO ghandhom jitnehhew u jmorru fi Triq Tumas Cassar.

Il-Kunsill ikkonkluda li jitlob lit-Transport Malta sabiex il-parkegg tad-dizabilita l-gdid isir dan wara l-Knisja.

**27.6 Festa 2021**

27.6.1 Din il-materja diga giet diskussa u qabel li bhal ma ghamel is-sena l-ohra ser jaghti s-sapport tieghu kollu mehtieg lill-parrocca kif ukoll lill-ghaqdiet. Is-Sindku qal li s-sena l-ohra kien hemm qbil li ghas-sena 2020 titqassam bandiera tal-Gharb u ghas-sena 2021 titqassam bandiera bix-xbiha tal-Vizitazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi bix-xiri ta' dawn il-bnadar.

**27.7 Gharb Day 2021**

27.7.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar Jum l-Gharb fejn qabel li ghandu jimxi mall-mizuri li jkun fis-sehh f'dawk il-jiem u jigi ccelebrat kif jista'. Sadanittant ghandhom jinbtbghatu n-nominazzjonijiet. Il-Kunsill innota ukoll li Jum l-Gharb ser ikun fil-gurnata tal-Hadd u ghaldaqstant din ic-cerimonja tista' ssir filghodu.

**27.8 Father's Day 2021**

27.8.1 Bhal ma' diga gie diskuss precedentament il-Kunsill ser ikun qed iqassam token zghir lill-missierijiet kollha residenti fl-Gharb. Ghaldaqstant is-Sindku issugerixxa u wera token li fil-fehma tieghu tista' titqassam fil-father's day. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**27.9 Progett Slow Streets**

27.9.1 Gie diskuss il-progett ta' 'Slow Streets' li kien gie ppreparat mill-Periti liema progett sar b'kollaborazzjoni ma' l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku pogga kopja tal-progett propost fuq il-mejda tal-laqgha u spjega xi affarijiet li kienu inkluzi fih.

Fost il-proposti li saru kien hemm qbil li jsiru sinjali tat-traffiku ghan-nuqqas ta' sewqan eccessiv fi Triq l-Gharb. Tonio Mifsud qal li l-importanti huwa li jitnaqqas l-*ispeed* b'mod jew iehor fejn fost ohrajn huwa insista li ghandhom jitpoggew *traffic lights.*

Joseph Mizzi staqsa jekk l-eghluq tal-Pjazza hux xi wahda mill-proposti. Is-Sindku spjega li din hija filfatt inkluza pero' wiehed irid jara l-frekwenza ta' dan l-gheluq.

Is-Sindku stieden lil Tonio Mifsud bhala kunsillier responsabbli mill-Immanigjar tat-traffiku sabiex jara l-progett u jghaddi l-kummenti tieghu fil-laqgha li jmiss.

## 27.10 Progetti u Xogholijiet

27.10.1 Is-Sindku nforma lill-membri li nhar it-Tlieta ser taghlaq l-offerta tal-Progett tal-Meeting Hub u tal-Electric Van.

27.10.2 Xogholijiet ohra hemm dawk relatati mat-toroq fejn il-Kunsill qed jiltaqa' ma' problemi peress li l-kuntrattur ilu ma' jidhol ikompli x-xogholijiet tlett gimghat. Ghall-ewwel jidher li kien hemm xi testijiet ta' l-ilma li riedu jsiru u wara dakinhar ma regghax dahal. Il-problema hija li sa l-ahhar tas-sena jridu jkunu saru tmien toroq u sal-gurnata diga intbghatu diversi avvizi lill-kuntrattur. Is-Sindku qal ukoll li l-kuntrattur kien talab ghall-estensjoni fuq ix-xogholijiet ta' Triq Birbuba sa l-ahhar ta' Awwissu pero' min-naha tal-Kunsill ma kienx hemm qbil. Is-Sindku ssugerixxa li ghandna nimxu mall-proceduri ta' l-offerta' u nitolbu li jidhol kuntrattur iehor li jkompli x-xogholijiet. Tonio Mifsud staqsa jekk hemmx pjan fejn is-Sindku spjega li l-pjan ilu hemm minn Frar pero' minhaba l-pandemija dan sfratta.

Is-Sindku kompla jispjega li kienu saru diversi diskussjonijiet mall-kuntrattur fejn hu kien dejjem qal li kien ser ikompli bix-xogholijiet pero' xorta wahda ma dahalx. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita' li tinhareg offerta' gdida. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat li l-pjan kien li x-xogholijiet fic-centru tar-rahal ma jsirux fix-xhur tas-sajf minhabba festi u celebrazzjonijiet ohra. Is-Sindku qal li huwa diga ghandu sal-15 ta' Gunju biex itemm ix-xogholijiet. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandu jistenna sal-15 ta' Gunju u jekk ma jsir xejn il-kuntratt jitwaqqaf. Tqajmet diskussjoni dwar Triq Tumas Cassar fejn gie innotat li din hija importanti li ssir matul is-sajf peress li qeghda fi stat hazin ferm. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur ghandu jigi notifikat u ghandu jintalab lill-avukat tal-Kunsill sabiex jipprepara tali ittra.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

27.10.3 Is-Sindku spjega li kien qed jevalwa l-possibilta' li l-parti bejn il-villel fi Sqaq il-Fgura u Triq ta' Pinu titnaddaf u titranga biex tkun tista' tintuza bhala passagg. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**27.11 Materji ohra**

27.11.1 Tonio Mifsud talab li ssir business card lill-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

27.11.2 Gie spjegat li fl-25 ta' Gunju ser isir it-tqassim tal-*fittings* tal-ilma sabiex jigi ridott il-konsum. Is-Sindku spjega li huwa kien talab li tinbidel id-data peress li jkun hemm attivitajiet relatati mall-festa pero' s'issa ma kienx ghad hemm risposta. Il-Kunsill qabel li sa fejn hu possibli dan it-tqassim ghandu jsir f'gurnata ohra.

**27.12 Skeda ta' Pagamenti**

27.12.1 L-Iskeda tal-pagementi giet approvata unanimament mill-Kunsill.

Gie spjegat li hemm kontijiet relatati ma' l-Infiorata li huma tal-Inawgurazzjoni ta' San Frangisk, Infiorata ta' Pinu, Infiorata ta' San Mikiel u Infiorata tal-festa apparti reimbursements ohra zghar relatati dejjem ma' l-Infiorata. Peress li l-Assocjazzjoni ma' kellix kont tal-bank taghha l-flus kienu qeghdin jibghatuhom fil-kont tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dawn il-fondi ghandhom jghaddu lill-Assocjazzjoni ta' l-Infiorata hekk kif ikollha l-kont bankarju taghha.

**27.14 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

27.14.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis, 24 ta' Gunju, 2021 fit-8.30am.

27.14.2 Il-laqgha spiccat fil-11.35am.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv